



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6987/22

POLCOM 15
COMER 27
WTO 36
DELA CT 38

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 1111 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 25.2.2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 1111 final.

Mehmuż: C(2022) 1111 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.2.2022
C(2022) 1111 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 25.2.2022

**li jemenda r-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-
Istati Uniti tal-Amerka**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni għandu l-għan li jaġġusta l-livell annwali ta' ritaljazzjoni applikat fit-tilwima tad-WTO rigward l-Att dwar il-Kumpens għall-Persistenza tad-Dumping u għaż-Żamma tas-Sussidji tal-Istati Uniti tas-sena 2000 (Continued Dumping and Subsidy Offset Act, "CDSOA", jew il-*Byrd Amendment*).

Is-CDSOA jistabbilixxi d-distribuzzjoni annwali tad-dazji anti-dumping u kumpensatorji miġbura matul is-sena fiskali preċedenti għall-kumpaniji tal-Istati Uniti. F'Jannar 2003 nstab li s-CDSOA ma kienx kompatibbli mal-obbligi tad-WTO tal-Istati Uniti.

Peress li l-Istati Uniti naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-ftehimiet tad-WTO, l-UE ġiet awtorizzata li, minbarra d-dazji doganali konsolidati, timponi dazju tal-importazzjoni addizzjonali fuq lista ta' prodotti mill-Istati Uniti li fuq bażi annwali jkopru valur ta' kummerċ totali li ma jaqbix l-ammont ta' 72 % tal-iżborż mis-CDSOA minn dazji miġbura minn fuq importazzjonijiet mill-UE għall-aktar sena reċenti li għaliha teżisti *data* disponibbli. L-UE ilha mill-1 ta' Mejju 2005 tapplika dazju doganali addizzjonali *ad valorem* fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti¹ fuq bażi annwali, u taġġusta l-livell ta' ritaljazzjoni b'mod proporzjonat mal-ammont imħallas mid-dazji miġbura fuq prodotti tal-UE fl-aktar distribuzzjoni reċenti.

Minħabba l-għadd kbir ta' modifiki fil-bażi ġuridika inizjali (jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005) permezz ta' atti delegati, fi Frar 2018 twettaq eżerċizzju ta' kodifikazzjoni. Fis-7 ta' Frar 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw verżjoni kodifikata tal-bażi ġuridika, ir-Regolament (UE) 2018/196.

Dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ma jinvolti l-ebda għażla diskrezzjonali, iżda huwa kollu ristrett minn obbligi ġuridiċi imposti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill:

1. Il-livell il-ġdid ta' ritaljazzjoni li għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2022, jammonta għal USD 3 095,94 u ġie stabbilit abbażi tal-aħħar distribuzzjoni tas-CDSOA tad-dazji anti-dumping u tad-dazji antisussidji miġbura matul is-Sena Fiskali 2021 (l-1 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Settembru 2021).
2. Meta mqabbel mal-livell attwali ta' ritaljazzjoni, il-livell il-ġdid ta' ritaljazzjoni ta' USD 3 095,94 jirrappreżenta tnaqqis sinifikanti li jammonta għal USD 236 314,72 u li ilu japplika mill-1 ta' Mejju 2021. Peress li minn din is-sena l-livell ta' sospensjoni ma jistax jiġi aġġustat għal-livell ta' tixjin jew ħsara billi jiżdiedu jew jitneħħew prodotti mill-Anness I, japplika l-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament (UE) 2018/196:
 - (a) Għaldaqstant, l-ebda prodott ma jiżdied jew jitneħħa mill-Anness I u għalhekk, il-lista ta' prodotti li fih tibqa' l-istess.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/196 (ir-*"Regolament Byrd"*) li jistabbilixxi d-dazji doganali addizzjonali ta' 4,3 % fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 44, 16.2.2018, p. 1).

- (b) Min-naħa l-oħra, ir-rata ta' dazju addizzjonali li għaliha huma soġġetti l-prodotti tal-Anness I hija emendata, jiġifieri din tonqos minn 0,1 % tas-sena li għaddiet għal 0,001 % sabiex jiġi aġġustat il-livell ta' ritaljazzjoni.
3. Konsegwentement u f'konformità mal-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament (UE) 2018/196, ir-Regolament Delegat mill-1 ta' Mejju 2022 jimponi rata ta' dazju addizzjonali *ad valorem* ta' 0,001 % fuq il-qamħ ħelu, il-frames u l-montaturi tan-nuċċalijiet, it-trakkijiet bil-krejn u l-qliezet tad-denim tan-nisa, inklużi dawk li jaslu u jintrabtu taħt l-irkoppa (breeches) li joriġinaw mill-Istati Uniti.
4. L-effett ta' dazju addizzjonali *ad valorem* ta' 0,001 % fuq importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-erba' prodotti elenkati fl-Anness I jirrappreżenta, fuq perjodu ta' sena, valur ta' kummerċ li ma jaqbiżx USD 3 095,94 (ara l-Artikoli 3(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 2018/196). L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/196 jibqa' l-istess, peress li l-prodotti kollha ta' din il-lista diġà ġew miżjuda mal-Anness I.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Saret konsultazzjoni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati. Ma hija meħtieġa l-ebda konsultazzjoni addizzjonali ma' partijiet interessati jew partijiet ikkonċernati, jew l-ebda preparazzjoni ta' valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi ġuridika għal dan ir-Regolament Delegat hija l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2018/196 dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka.

L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/196 jistabbilixxi s-sospensjoni tal-konċessjonijiet tariffarji u l-obbligi relatati skont il-GATT 1994 fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. L-Artikolu 3(1) jiddefinixxi l-kriterji li skonthom il-Kummissjoni għandha taġġusta ta' kull sena l-livell ta' sospensjoni għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat mill-Byrd Amendment fuq l-UE f'dak iż-żmien.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 25.2.2022

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2018 dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka², u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Minħabba n-nuqqas tal-Istati Uniti li jgħibu l-Att dwar il-Kumpens għall-Persistenza tad-Dumping u għaż-Żamma tas-Sussidji ("CDSOA", Continued Dumping and Subsidy Offset Act) konformi mal-obbligi tagħhom skont il-ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO", World Trade Organization), dazju doganali addizzjonali *ad valorem* ta' 4,3 % ġie impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka skont ir-Regolament (UE) 2018/196. F'konformità mal-awtorizzazzjoni tad-WTO biex tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet għall-Istati Uniti, il-Kummissjoni se taġġusta ta' kull sena l-livell ta' sospensjoni għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat mis-CDSOA fuq l-Unjoni f'dak iż-żmien. Fl-2021, il-livell ta' sospensjoni ġie aġġustat għal 0,1 % tad-dazju doganali addizzjonali *ad valorem* u r-Regolament (UE) 2018/196 ġie emendat skont dan³.
- (2) L-iżborżi mis-CDSOA għall-aktar sena reċenti li għaliha teżisti *data* disponibbli jirrigwardaw id-distribuzzjoni ta' dazji anti-dumping u kumpensatorji miġbura matul is-Sena Fiskali 2020 (1-1 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Settembru 2021). Abbażi tad-*data* ppubblikata mis-Servizz tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri tal-Istati Uniti, il-livell ta' annullament jew ta' ħsara kkawżat lill-Unjoni huwa kkalkulat li jammonta għal USD 3 095,94.
- (3) Il-livell ta' annullament jew ta' ħsara u konsegwentement, ta' sospensjoni, naqas. Madankollu, il-livell ta' sospensjoni ma jistax jiġi aġġustat għal-livell ta' annullament jew ta' ħsara billi jiżdiedu jew jitneħħew prodotti mil-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/196. B'konsegwenza ta' hekk, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(e) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tibdilx il-lista ta' prodotti fl-Anness I u

² ĠU L 44, 16.2.2018, p. 1.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/704 tas-26 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 146, 29.4.2021, p. 70).

temenda r-rata tad-dazju addizzjonali sabiex taġġusta l-livell ta' sospensjoni għal-livell ta' tixjin jew ħsara. Għalhekk jenħtieġ li l-erba' prodotti elenkati fl-Anness I jinżammu fil-lista u jenħtieġ li r-rata tad-dazju tal-importazzjoni addizzjonali tiġi emendata u stabbilita għal 0,001 %.

- (4) L-effett ta' dazju tal-importazzjoni addizzjonali *ad valorem* ta' 0,001 % fuq l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-prodotti fl-Anness I jirrappreżenta, fuq tul ta' sena, valur ta' kummerç li ma jaqbix USD 3 095,94.
- (5) Biex ikun żgurat li ma jkun hemm l-ebda dewmien fl-applikazzjoni tar-rata emendata tad-dazju tal-importazzjoni addizzjonali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/196 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/196 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Dazju *ad valorem* ta' 0,001 % addizzjonali għad-dazju doganali applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandu jiġi impost fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

* ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25.2.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN